

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

## DEĊIJONIJIET

## KUNSILL

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Frar 2008**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maldivi dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru**

(2008/188/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagraphu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagraphu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.
- (2) Fisem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim mar-Repubblika tal-Maldivi dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru konformement mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness mad-deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2003.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat fisem il-Komunità suggħett għal konklużjoni eventwalment possibbi tiegħu fdata aktar tard, konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/695/KE tal-Kunsill <sup>(2)</sup>.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maldivi dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Frar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL

<sup>(1)</sup> Opinjoni tat-12 ta' Ottubru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 286, 17.10.2006, p. 19.